Il-Kummissjoni Ewropea

#DSM

Is-Suq Uniku Diġitali

Nagħmlu l-aqwa użu mill-opportunitajiet diġitali fl-Ewropa

TMIEM L-IMBLUKKAR ĠEOGRAFIKU MHUX IĠĠUSTIFIKAT: Gwida qasira għall-operaturi tas-suq online

Fit-3 ta' Diċembru 2018, bħala parti minn pakkett kbir ta' miżuri taħt l-Istrateġija għal Suq Uniku Diġitali biex tingħata spinta lill-kummerċ elettroniku transfruntier fl-Unjoni Ewropea, ser jidħlu fis-seħħ regoli ġodda dwar l-imblukkar ġeografiku.

Ir-regoli l-ġodda ser:

Jiżguraw aċċess aħjar għall-oġġetti u s-servizzi offruti online

Joħolqu ċertezza akbar għan-negozji u jibnu l-fiduċja fost il-konsumaturi

Inaqqsu l-kostijiet tat-tranżazzjoni u l-piż amministrattiv għan-negozji

X'SE JKUNU JFISSRU R-REGOLI L-ĠODDA GĦALL-BEJJIEGĦA ONLAJN?

Li jaċċettaw kards ta' kreditu barranin:

Operatur Ġermaniż li jaċċetta ċerta marka ta' kards ta' kreditu għall-pagament fuq is-sit web tiegħu, għandu jaċċetta l-istess marka ta' kard tal-kreditu meta tinħareġ fl-Awstrija.

L-aċċess għas-siti web irrispettivament mill-post tar-residenza tal-konsumatur

Il-klijenti Irlandiżi li jaċċessaw ħanut Taljan li jbigħ ħwejjeġ online ma għandhomx jiġu awtomatikament ridirezzjonati lejn sit għall-Irlanda; l-ewwel huma għandhom jintalbu jekk iridux jiġu ridirezzjonati. Anki jekk jagħtu l-kunsens tagħhom biex jiġu ridirezzjonati, il-verżjoni Taljana għandha tibqa' aċċessibbli.

Il-prezzijiet u l-kundizzjonijiet ma għandhomx jiddependu fuq in-nazzjonalità

Persuna Estonjana li taċċessa sit web Belġjan biex tixtri biljetti għal kunċert għandha tiġi offruta l-istess kundizzjonijiet bħal ċittadin Belġjan, pereżempju l-iskontijiet għal xiri bil-quddiem.

Il-bejjiegħa online xorta se jkunu jistgħu b'mod liberu jfasslu l-prezzijiet tagħhom, is-siti web tagħhom fl-UE kollha, kif ukoll l-attivitajiet tagħhom ta' marketing, inkluż it-tfassil ta' offerti li jimmiraw gruppi speċifiċi ta' klijenti, sakemm dawn ma jiddiskriminawx skont in-nazzjonalità, ir-residenza jew l-istabbiliment (bħal offerti għaż-żgħażagħ jew għall-konsumaturi b'kuntrast għal professjonisti speċifiċi).

Updated 25 October 2018

KIF JISTGĦU L-BEJJIEGĦA ONLINE JIŻGURAW LI S-SERVIZZI TAGĦHOM HUMA KOMPATIBBLI MAR-REGOLI L-ĠODDA?

Joffru dejjem il-possibbiltà lill-klijent li jixtri oġġetti u servizzi minn fuq is-sit web tagħhom irrispettivament min-nazzjonalità jew mir-residenza tal-klijent.

Iħallu lill-klijent jipprovdi indirizz ta' kuntatt irrispettivament mir-residenza jew in-nazzjonalità tiegħu. Madankollu, dan ma jfissirx li l-bejjiegħ online għandu jagħmel konsenja lil klijent barrani, iżda sempliċiment ifisser li l-klijent jista' jixtri l-prodott bħallikieku kien klijent lokali.

Jekk l-kummerċjanti jippermettu l-pagament permezz ta' trasferiment ta' kreditu, din il-possibilità għandha tiġi offruta wkoll lil konsumaturi b'kont tal-bank fi Stat Membru differenti.

Jippermettu aċċess għas-sit web tagħhom irrispettivament minn fejn il-klijent jaċċessa.

Jitolbu l-kunsens tal-klijent qabel ma jidderiġuh mill-ġdid lejn verżjoni oħra tas-sit web tagħhom, u dejjem joffru l-possibbiltà lill-konsumatur li jirritorna lejn is-sit web li fittex inizjalment.

Ma jirrifjutawx kards ta' kreditu jew ta' debitu għas-sempliċi raġuni biss għaliex inħarġu fi Stati Membri oħra.

Il-bejjiegħa online m'għandhomx bżonn joffru konsenja fl-Istat Membru tal-klijent. Madankollu l-bejjiegħ għandu joffri l-istess kundizzjonijiet ta' konsenja lill-konsumaturi lokali fl-Istat Membru fejn joffri l-konsenja, inkluż l-istess għażliet ta' ġbir. Il-ġbir tal-oġġetti mingħand il-bejjiegħ jista' jsir permezz ta' kumpanija tal-konsenja magħżula mill-konsumatur.

EŻEMPJI TA' PRATTIKI "TAJBIN"

✔ Jekk il-konsumaturi jiġu diretti mill-ġdid lejn verżjonijiet lokali tas-sit web tal-bejjiegħ, għandu jkun hemm buttuna faċilment aċċessibbli li tidderiġi lill-konsumaturi lejn verżjonijiet oħra ta' dan l-istess sit web kif xtaqu jaċċessaw inizjalment.

✔ Jekk jiġu offruti prezzijiet imnaqqsa permezz ta' bookings online minn qabel għal kunċerti jew avvenimenti oħra (għall-kuntrarju ta' bejgħ offline), dawn għandhom jiġu offruti lill-klijenti kollha, irrispettivament min-nazzjonalità jew ir-residenza tagħhom.

✔ Operatur li jipprovdi biss servizzi ta' konsenja lil punti ta' ġbir fi Stat Membru wieħed, għandu jippermetti lill-konsumaturi li jimlew id-dettalji ta' kuntatt tagħhom anki jekk ma jkunux residenti f'dan l-Istat Membru, sabiex dawn ikunu jistgħu jkollhom il-possibbiltà li jiġbru l-oġġetti huma stess jew jaslilhom permezz ta' kumpanija ta' konsenja.

KONT TAF?

Kważi 40 % tal-konsumaturi tal-UE jħossuhom kunfidenti jixtru oġġetti jew servizzi mill-internet mingħand bejjiegħa li jinsabu f'pajjiż differenti tal-UE (Ewrobarometru 397, 2015), għalkemm 19 % biss tal-konsumaturi fil-verità jixtru minn fuq l-internet minn pajjiż ieħor (data tal-2015). Ir-regoli l-ġodda tal-UE dwar il-kummerċ elettroniku għandhom l-għan li jisfruttaw dan il-potenzjal sinifikanti tad-domanda transfruntiera u joħolqu opportunitajiet ġodda għan-negozju.